Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 29 ta' Ottubru 2026
(OR. en)

15163/26

DEVGEN 178	**COEST 806**
ACP 106	**SAN 745**
RELEX 1432	**GENDER 163**
MIGR 334	**CLIMA 602**
SUSTDEV 89	**ENER 723**
COHOM 142	**MAMA 262**
COAFR 354	**MOG 231**
COASI 201	**NDICI 23**
DIGIT 283	**COWEB 140**
COLAC 140	

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	29 ta' Ottubru 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 588 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL Rapport annwali tal-2026 dwar l-implimentazzjoni tal-Istrumenti ta' Azzjoni Esterna tal-Unjoni Ewropea fl-2025

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 588 final.

Mehmuż: COM(2026) 588 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.10.2026
COM(2026) 588 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Rapport annwali tal-2026 dwar l-implimentazzjoni tal-Istrumenti ta' Azzjoni Esterna tal-Unjoni Ewropea fl-2025

{SWD(2026) 324 final}

Werrej

DAĦLA ... 2

IMPENJI GLOBALI ... 4

- Ir-rispons tal-UE għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna ... 4
- L-UE: attur globali ... 4
- Global Gateway ... 6
- Għajnuna umanitarja ... 6

ĦARSA ĠENERALI TEMATIKA ... 8

- Żvilupp tal-bniedem ... 8
- Tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u reżiljenza għall-klima ... 8
- Diġitalizzazzjoni, xjenza, teknoloġija, innovazzjoni u infrastruttura ... 9
- Tkabbir sostenibbli u impjiegi ... 10
- Migrazzjoni u spostament furzat ... 11
- Governanza Demokratika u Drittijiet tal-Bniedem, Paċi u Sigurtà ... 11

FIRXA GLOBALI ... 13

- Afrika Sub-Saħarjana ... 13
- L-Asja u l-Paċifiku ... 13
- Il-Kontinent Amerikan u l-Karibew ... 14
- Tkabbir tal-UE (il-Balkani tal-Punent, it-Turkija, l-Ukrajna, ir-Repubblika tal-Moldova, il-Georgia) ... 15
- Il-Viċinat Ewropew ... 16
  - Il-Viċinat Ewropew tal-Lvant ... 16
  - Il-Viċinat Ewropew tan-Nofsinhar u r-reġjun tal-Lvant Nofsani/tal-Golf ... 16
- Pajjiżi u territorji ekstra-Ewropej (PTEE) ... 17

DAĦLA

Is-sena 2025 kienet ikkaratterizzata minn bidliet profondi, u spiss imprevedibbli, madwar id-dinja. Iċ-ċittadini ħassew dejjem aktar il-konsegwenzi tal-gwerer li għaddejjin bħalissa fil-viċinat. Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja fl-Ukrajna kompliet tinfirex fl-Unjoni Ewropea biż-żieda ta' attivitajiet ta' kampanji ibridi mmirati biex idgħajfu s-sigurtà Ewropea. Il-kuntest dejjem aktar volatili kompla jirrikjedi li l-Unjoni Ewropea tieħu responsabbiltà akbar għas-sigurtà u d-difiża tagħha, tiddefendi b'mod proattiv l-interessi tagħha madwar id-dinja, u żżid il-ħidma biex tindirizza l-isfidi globali, tipproteġi d-drittijiet tal-bniedem u ssaħħaħ il-multilateraliżmu.

L-UE biddlet b'mod kostanti l-approċċ tagħha lejn il-ħolqien ta' sħubijiet ta' benefiċċju reċiproku bejn partijiet ugwali, b'imperattiv doppju li jinbnew ir-reżiljenza u l-awtonomija internazzjonalment u lokalment. Għodda ewlenija għal dan ix-xogħol hija l-istrateġija tagħna Global Gateway. Permezz tal-Global Gateway, l-UE tista' tikkonċentra r-riżorsi tagħha fejn tista' tagħmel l-akbar differenza fl-iżvilupp sostenibbli, waqt li tħares l-interessi tal-Unjoni. L-impatt kien tanġibbli kemm f'termini tal-kwantità kif ukoll tal-kwalità tal-inizjattivi meħuda.

Sabiex jiġi massimizzat l-impatt tal-UE fid-dinja u jsir l-aħjar użu mir-riżorsi u l-ħiliet tal-UE, l-istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri tal-UE u l-istituzzjonijiet finanzjarji ħaddnu bis-sħiħ il-kunċett ta' ħidma flimkien bħala "Tim Ewropa". Dan l-approċċ issa huwa parti integrali u ċentrali tas-sett ta' għodod ta' azzjoni esterna, kemm jekk fl-ambitu tal-Global Gateway, f'kuntesti fraġli permezz ta' assistenza umanitarja u protezzjoni ċivili jew f'involviment multilaterali. In-network tad-Delegazzjonijiet tal-UE tkompli taqdi rwol ewlieni biex tiġi żgurata preżenza b'saħħitha u koerenti fuq il-post, filwaqt li jaħdmu mill-qrib mal-Istati Membri tal-UE u mal-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej f'approċċ ta' "Tim Ewropa".

L-azzjoni esterna tal-UE matul l-2025 tista' tinqasam f'erba' pilastri li jsaħħu lil xulxin: id-difiża tal-paċi u tas-sigurtà, il-promozzjoni tat-tkabbir, is-salvagwardja tal-prosperità u tas-sigurtà ekonomika u tar-reżiljenza, u t-tisħiħ tal-multilateraliżmu u tas-solidarjetà globali. L-istrumenti ta' azzjoni esterna tal-UE komplew ifittxu li jikkombinaw mod rapidu, flessibbli u integrat biex jirrispondu għall-kriżijiet u għax-xokkijiet ġeopolitiċi, bl-ogħla standards ta' ġestjoni finanzjarja tajba.

Dan ir-rapport jiddeskrivi l-ħidma tal-UE u tal-Istati Membri tagħha fl-erba' pilastri, inkluż il-ħidma biex jissaħħu s-sħubijiet, f'konformità mal-valuri Ewropej tagħna, kif ukoll l-azzjonijiet tagħna f'ħafna oqsma mill-iżvilupp sostenibbli u l-qerda tal-faqar, għall-kummerċ ħieles, is-sigurtà, il-paċi u l-istabbiltà, il-migrazzjoni, il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa, il-protezzjoni tad-demokrazija u l-istat tad-dritt, u t-taffija tat-tbatija. L-inizjattivi jappoġġaw ukoll lill-pajjiżi sħab biex jindirizzaw it-tibdil fil-klima u jipproteġu l-bijodiversità, b'hekk juru l-isforzi tal-UE biex tkompli tonora l-impenji globali tagħha.

L-Unjoni Ewropea tinsab fl-aqwa tagħha meta niġbdu ħabel wieħed. Għalhekk, flimkien mal-portafoll komprensiv tagħna ta' proġetti u strumenti esterni, huwa essenzjali li nkomplu niżviluppaw u nwasslu riżultati solidi u sostenibbli b'approċċ ta' "Tim Ewropa".

Rappreżentant Għoli /Viċi President Kummissarju Kummissarju Kummissarju Kummissarju

KAJA KALLAS DUBRAVKA ŠUICA MARTA KOS JOZEF SÍKELA HADJA LAHBIB

L-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà Il-Mediterran It-Tkabbir Is-Sħubijiet Internazzjonali L-Ugwaljanza, il-Preparatezza u l-Ġestjoni tal-Kriżijiet

IMPENJI GLOBALI

Ir-rispons tal-UE għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna

Il-gwerra ta' aggressjoni fuq skala sħiħa tar-Russja kontra l-Ukrajna kompliet tikkawża tbatija umana, spostament mifrux u qerda fuq skala kbira tal-infrastruttura ċivili u tal-enerġija kritika, filwaqt li timmina l-ordni tas-sigurtà Ewropea u globali u taggrava l-vulnerabbiltajiet tal-ikel, tal-enerġija u ekonomiċi ferm lil hinn mir-reġjun.

Sa tmiem l-2025, l-Unjoni Ewropea (UE) u l-Istati Membri tagħha pprovdew appoġġ ikkombinat lill-Ukrajna li ammonta għal madwar EUR 193,3 biljun, inklużi EUR 69,3 biljun f'appoġġ militari, aktar minn EUR 103,3 biljun f'appoġġ finanzjarju, ekonomiku u umanitarju, EUR 3,7 biljun minn rikavati marbuta ma' assi Russi immobilizzati, u EUR 17-il biljun biex jgħinu lin-nies li qegħdin jaħarbu mill-gwerra.

Pilastru ċentrali tar-rispons tal-UE fl-2025 kien il-Faċilità għall-Ukrajna, strument iddedikat sa EUR 50 biljun biex jipprovdi appoġġ prevedibbli u flessibbli għall-irkupru, għar-rikostruzzjoni u għall-modernizzazzjoni tal-Ukrajna li jikkombina għotjiet u self marbuta mar-riforma ma' fergħa ta' investiment, il-Qafas ta' Investiment għall-Ukrajna, b'EUR 9,5 biljun ta' appoġġ tal-UE u li għandu l-għan li jimmobilizza sa EUR 40 biljun f'investiment pubbliku u privat. Sa tmiem l-2025, kienu ġew allokati sa EUR 6,9 biljun taħt dan il-qafas għal programmi li jappoġġaw in-negozji żgħar, il-komunitajiet affettwati mill-gwerra, l-infrastruttura kritika u t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali.

Fl-2025, b'segwitu għall-impenji mill-mexxejja tal-G7 u abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni, l-UE adottat u żborżat pakkett ta' assistenza finanzjarja li jikkonsisti f'self eċċezzjonali ta' assistenza makrofinanzjarja ta' EUR 18,1 biljun. Bħala parti mill-pakkett, mekkaniżmu ta' kooperazzjoni ta' self huwa ffinanzjat minn dħul straordinarju li jirriżulta minn assi sovrani Russi immobilizzati. Barra minn hekk, f'Diċembru 2025, l-Istati Membri tal-UE qablu li jipprovdu lill-Ukrajna self ta' EUR 90 biljun għall-2026 u għall-2027, abbażi tas-self tal-UE appoġġat mill-marġni ta' manuvra tal-baġit tal-UE.

Matul l-2025, l-UE adottat aktar pakketti ta' miżuri restrittivi (sanzjonijiet) biex tnaqqas il-kapaċità tar-Russja li twettaq il-gwerra tagħha u biex iddgħajjef il-bażi ekonomika tagħha, pereżempju billi tillimita l-aċċess tar-Russja għat-teknoloġiji tal-kampijiet tal-battalja u tillimita d-dħul tal-enerġija tar-Russja.

Fl-istess ħin, is-sanzjonijiet u l-miżuri biex titnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili Russi ffurmaw fergħa ewlenija oħra tar-rispons tal-UE, u l-pjan direzzjonali tal-UE REPowerEU u l-leġiżlazzjoni relatata naqqsu drastikament l-importazzjonijiet Russi lejn l-UE.

L-Ukrajna baqgħet l-akbar operazzjoni li qatt saret taħt il-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili maċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza bl-indirizzar ta' 39 talba aġġornata għall-assistenza mill-Ukrajna. Fl-2025 biss, l-UE pprovdiet total ta' EUR 220 miljun f'għajnuna umanitarja biex ittaffi t-tbatija tal-poplu Ukren. Id-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja għan-nies li qegħdin jaħarbu mill-gwerra ġiet estiża sa Marzu 2027.

L-UE: attur globali

Fl-2025, l-UE operat f'ambjent internazzjonali dejjem aktar mimli tensjoni u kumpless ikkaratterizzat minn gwerra qrib il-fruntieri tagħha, żieda fil-kunflitti reġjonali, tfixkil fir-rotot kummerċjali, intensifikazzjoni tal-kompetizzjoni ġeopolitika u ġeoekonomika, u approfondiment tal-kriżi klimatika u dik ambjentali. Ir-rigress demokratiku, il-ksur tad-dritt internazzjonali, inklużi d-drittijiet tal-bniedem u l-ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali, id-diżinformazzjoni u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u

interferenza minn barranin, u l-pressjoni dejjem akbar fuq is-sistema multilaterali u l-ordni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli komplew jimminaw l-istabbiltà globali.

Ir-rispons tal-UE għall-iżviluppi dinjija fl-2025 kien ibbażat fuq erba' pilastri li jsaħħu lil xulxin: id-difiża tal-paċi u tas-sigurtà, il-promozzjoni tat-tkabbir, is-salvagwardja tal-prosperità u tar-reżiljenza permezz ta' rabtiet ekonomiċi sostenibbli u siguri, u t-tisħiħ tal-multilateraliżmu u tas-solidarjetà globali. Il-paċi dejjiema, is-sigurtà u l-prosperità jiddependu fuq ordni internazzjonali effettiva bbażata fuq ir-regoli.

Fl-2025, l-UE kompliet tavvanza l-implimentazzjoni tal-aġenda tagħha dwar is-sigurtà u d-difiża, permezz ta' approċċ integrat għall-isfidi multidimensjonali tas-sigurtà u tad-difiża, billi żammet appoġġ militari qawwi għall-Ukrajna, saħħet ir-rwol tagħha permezz ta' missjonijiet tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni u l-Faċilità Ewropea għall-Paċi, filwaqt li tat spinta lir-reżiljenza għat-theddid ibridu u ċibernetiku, u saħħet is-sħubijiet fl-oqsma tas-sigurtà u tad-difiża.

L-Unjoni rrikonoxxiet li l-interdipendenza qiegħda dejjem aktar tintuża bħala arma u fl-2025 fittxet li tnaqqas id-dipendenzi kritiċi filwaqt li tippreżerva l-kummerċ miftuħ u bbażat fuq ir-regoli. L-UE ddeskriviet approċċ aktar proattiv u effiċjenti biex issaħħaħ is-sigurtà ekonomika tagħha[(1)]. Filwaqt li tirrifletti ċ-ċentralità dejjem akbar tas-sigurtà ekonomika u tar-reżiljenza fl-azzjoni esterna, l-UE avvanzat politika ekonomika barranija li tgħaqqad il-kompetittività, is-sigurtà u s-sħubijiet; billi saħħet l-aġenda kummerċjali u ta' sħubija tagħha ma' reġjuni ewlenin u ma' sħab tal-istess fehma madwar id-dinja. L-istrateġija Global Gateway saret qafas essenzjali biex tiġi implimentata din l-aġenda.

L-UE saħħet l-impenn tagħha għall-multilateraliżmu, għas-solidarjetà globali u għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-prinċipji umanitarji b'ħidma biex tiddefendi u tadatta s-sistema multilaterali, filwaqt li tibni fuq il-Karta tan-NU, l-Aġenda 2030 u l-"Patt għall-Futur" tan-Nazzjonijiet Uniti (NU). Fl-2025, l-UE appoġġat b'mod attiv l-Inizjattiva UN80 tas-Segretarju Ġenerali tan-NU, opportunità biex jissaħħu l-effettività, il-kosteffiċjenza u l-koerenza tan-NU u tiġi żgurata l-kapaċità tagħha li twettaq it-tliet pilastri tagħha ta' paċi u sigurtà, drittijiet tal-bniedem u żvilupp.

Fl-2025, l-UE kompliet tagħti importanza akbar lill-oċean bħala prijorità strateġika tal-azzjoni esterna tagħha, inkluż billi ddefendiet l-integrità tal-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar bħala l-qafas legali għall-attivitajiet kollha tal-oċeani. Fit-tielet Konferenza tan-NU dwar l-Oċeani, l-UE ressqet aktar minn 50 impenn volontarju li jiswew kważi EUR 1 biljun, biex tgħin fil-mobilizzazzjoni tal-komunità internazzjonali biex taċċellera l-azzjoni dwar l-oċeani, b'mod partikolari lejn id-dħul fis-seħħ tat-Trattat dwar l-Ibħra Internazzjonali.

Matul l-2025, l-UE u l-Istati Membri tagħha kollettivament baqgħu l-akbar fornitur ta' għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp (ODA) b'EUR 82,5 biljun li jirrappreżentaw 48 % tal-ODA globali[(2)] bbażata fuq data preliminari tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD). Madankollu, id-data turi tnaqqis globali sinifikanti fl-ODA totali, prinċipalment xprunat minn diżimpenn sever min-naħa tal-Istati Uniti.

L-isforzi biex il-finanzjament estern u ta' koeżjoni tal-UE jiġi kkoordinat aktar mill-qrib ħadu pass sinifikanti 'l quddiem bit-tnedija tal-ewwel sejħiet għal proġetti biex jiġu indirizzati l-isfidi kondiviżi mir-

[1] JOIN(2025) 977

[2] L-ODA globali hawnhekk hija definita bħala li tinkludi l-ODA rrapportata mill-UE kollettivament u mill-pajjiżi donaturi l-oħrajn kollha.

reġjuni ultraperiferiċi tal-UE, mill-PTEE u minn pajjiżi mhux tal-UE li jipparteċipaw fil-programmi INTERREG.

Global Gateway

L-UE espandiet ulterjorment il-Global Gateway, l-istrateġija ta' investiment globali tagħha madwar id-dinja għall-bini ta' sħubijiet ta' benefiċċju reċiproku u għall-mobilizzazzjoni tar-riżorsi pubbliċi u privati biex titnaqqas id-diskrepanza fl-investiment globali u tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 u tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs).

Sal-2025, l-UE, l-Istati Membri tagħha u l-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej kienu mmobilizzaw aktar minn EUR 306 biljun f'investimenti tal-Global Gateway, ferm qabel il-mira tal-2027 ta' EUR 300 biljun. Matul l-2025, l-approċċ ta' "Tim Ewropa" baqa' ċentrali għall-implimentazzjoni, biex jiġi żgurat it-twassil koordinat ta' pakketti ta' investiment b'impatt għoli.

Iċ-Ċentru ta' Investiment tal-Global Gateway[(3)] għall-Afrika sub-Saħarjana, l-Amerka Latina u l-Karibew, u għar-reġjun Asja-Paċifiku tnieda f'Ottubru 2025 bħala l-pjattaforma ċentrali biex jiġi ssimplifikat u amplifikat l-involviment tas-settur privat, li jippermetti lill-kumpaniji tal-UE jissottomettu proposti ta' investiment permezz ta' Timijiet Nazzjonali[(4)] fl-Istati Membri tal-UE. Il-Grupp Konsultattiv dwar in-Negozju tal-Global Gateway kompla jsaħħaħ il-kooperazzjoni mas-settur privat Ewropew.

Fl-Afrika ta' Fuq u fil-Lvant Nofsani, il-Patt għall-Mediterran, adottat f'Ottubru 2025, jipprovdi l-qafas politiku l-ġdid għall-Global Gateway fir-reġjun. Fl-2025, ġew approvati EUR 662 miljun f'investimenti, li kienu mistennija jimmobilizzaw aktar minn EUR 7 biljun f'investimenti, u b'hekk il-mobilizzazzjoni totali mistennija laħqet it-EUR 30 biljun fin-Nofsinhar tal-Mediterran bejn l-2021 u l-2025. Fil-Balkani tal-Punent, fil-Turkija, u fir-reġjun tal-Viċinat tal-Lvant kważi EUR 40 biljun f'investimenti mistennija ġew immobilizzati bejn l-2021 u l-2025.

Għajnuna umanitarja

Fl-2025, l-għajnuna umanitarja u l-protezzjoni ċivili tal-UE rrispondew għal livell eċċezzjonalment għoli ta' ħtiġijiet globali. L-UE hija donatur bi prinċipji ggwidat mill-prinċipji umanitarji tal-umanità, tan-newtralità, tal-imparzjalità u tal-indipendenza. Flimkien, l-UE u l-Istati Membri tagħha jipprovdu l-akbar sehem ta' finanzjament umanitarju globali (34 % fl-2025), u fl-2025 l-UE allokat aktar minn EUR 2,57 biljun għal assistenza umanitarja bbażata fuq il-ħtiġijiet f'110 pajjiżi, flimkien ma' aktar minn EUR 245 miljun għall-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (UCPM) u kapaċitajiet relatati.

Il-kriżi globali tal-ġuħ għadha kritika. Bħala rispons għall-ġuħ madwar id-dinja, ġew allokati madwar EUR 600 miljun għall-għajnuna umanitarja għall-ikel u għan-nutrizzjoni, f'kuntest fejn 295 miljun persuna ffaċċjaw insigurtà tal-ikel akuta u fejn il-karestija ġiet ikkonfermata f'Gaża u fis-Sudan.

L-ixprunaturi ewlenin tal-kriżi umanitarja tal-lum huma l-kunflitt, l-insigurtà u l-impatt tat-tibdil fil-klima. Fil-kunflitti armati tal-lum, il-ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali (IHL) għadu mifrux. Għalhekk, fl-2025, il-Kummissjoni Ewropea kompliet tiffinanzja u tippromwovi ambjent favorevoli aħjar għall-għajnuna umanitarja msejsa fuq il-prinċipji fil-kuntest ta' żieda fil-ksur tal-IHL u ta' impedimenti dejjem akbar għall-aċċess umanitarju msejjes fuq il-prinċipji.

---

[3] https://international-partnerships.ec.europa.eu/investment-hub_mt

[4] Mekkaniżmi domestiċi ta' koordinazzjoni b'approċċ ta' gvern sħiħ għall-involviment mas-settur privat.

Il-Kapaċità ta' Rispons Umanitarju Ewropew, li ngħatat l-isem ġdid ReliefEU, ipprovdiet appoġġ loġistiku strateġiku permezz ta' operazzjonijiet tal-pont tal-ajru umanitarju, il-kumulazzjoni ta' riżervi, il-ħżin u s-servizzi tat-trasport. Fl-2025, ReliefEU pprovdiet għajnuna umanitarja fi kriżijiet u f'żoni affettwati minn kunflitti inklużi Gaża, is-Sudan, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo u l-Myanmar, f'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab umanitarji u mal-UCPM. Fl-2025, ġew allokati aktar minn EUR 110 miljun għall-operazzjonijiet ta' ReliefEU, li wasslu total ta' 6 780 tunnellata metrika ta' għajnuna u rrispondew għal 20 kriżi fi 18-il pajjiż.

L-aspetti esterni tal-protezzjoni ċivili huma parti integrali mir-rispons tal-UE għall-emerġenzi, filwaqt li jikkomplementaw l-għajnuna umanitarja u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp billi jipprovdu assistenza rapida u koordinata fil-każ ta' diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem madwar id-dinja. L-UCPM ġie attivat, pereżempju, b'reazzjoni għat-tifqigħa tal-Ebola fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, għargħar qawwi f'Cabo Verde u t-terremot b'qawwa ta' 7,7 fil-Myanmar f'Marzu 2025.

ĦARSA ĠENERALI TEMATIKA

Żvilupp tal-bniedem

Il-qerda tal-faqar kompliet tkun ċentrali għall-ħidma tal-Kummissjoni. Bħalissa, madwar 10,3 % tal-popolazzjoni tad-dinja tgħix taħt il-linja tal-faqar estrem ta' USD 3 kuljum. Bejn l-2021 u l-2024, 8,1 % tal-ODA ffinanzjata mill-UE (aktar minn EUR 26,6 biljun) appoġġat direttament l-SDG 1 dwar il-qerda tal-faqar.

L-azzjoni tas-saħħa umanitarja baqgħet essenzjali biex tipproteġi l-ħajjiet u tippreżerva t-titjib fl-iżvilupp. Fl-2025, l-UE allokat madwar EUR 400 miljun għas-saħħa umanitarja, livell rekord, b'enfasi fuq it-tisħiħ tas-sistemi tas-saħħa u t-tħejjija għall-epidemiji, l-avvanz tal-kopertura tas-saħħa bażika u universali, inkluża s-saħħa tan-nisa, filwaqt li rrispondiet għal ambjent ta' finanzjament globali għas-saħħa aktar strett u ħtiġijiet dejjem jiżdiedu f'pajjiżi fraġli u affettwati minn kunflitti.

L-UE kkonsolidat ir-rwol tagħha bħala sostenitur globali ewlieni għall-promozzjoni ta' edukazzjoni ta' kwalità bħala dritt tal-bniedem u xprunatur tal-iżvilupp sostenibbli, filwaqt li appoġġat azzjonijiet f'madwar 70 pajjiż sieħeb. L-Erasmus+ ikkontribwixxa għall-bini tal-kapaċitajiet u għall-iżvilupp tal-ħiliet, permezz ta' proġetti ta' kooperazzjoni ma' istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, ma' organizzazzjonijiet tal-edukazzjoni vokazzjonali u taż-żgħażagħ (EUR 177,1 miljun fl-2025) u permezz ta' boroż ta' studju għall-mobbiltà tal-persunal u tal-istudenti tal-edukazzjoni għolja (EUR 260,9 miljun).

Fl-2025, l-UE kkonsolidat ulterjorment l-ugwaljanza bejn il-ġeneri bħala prijorità trażversali fl-azzjoni esterna tagħha, f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Ġeneru III[5], inkluż bħala eżempju permezz tal-integrazzjoni tal-approċċ "*għan-nisa, min-nisa*" fil-programmi kollha ffinanzjati mill-UE fl-Afganistan li jindirizzaw il-ħtiġijiet bażiċi u l-mezzi ta' għajxien, filwaqt li żgurat li l-għajnuna tilħaq lin-nisa b'mod effettiv u li dawn jaqdu rwol sinifikattiv fil-proċess ta' twassil.

Kważi nofs il-popolazzjoni globali ma għandhiex aċċess għal servizzi ta' sanitazzjoni ġestiti b'mod sikur. Matul l-2025, l-UE kompliet tappoġġa l-attivitajiet sostenibbli tal-ilma, tas-sanità u tal-iġjene, f'konformità mal-Istrateġija Ewropea għar-Reżiljenza tal-Ilma[6] adottata fl-2025, inklużi investimenti fit-tul tal-Global Gateway f'madwar 50 pajjiż, bis-settur privat mobilizzat, u permezz ta' assistenza umanitarja fi kriżijiet.

Tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u reżiljenza għall-klima

F'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi, mal-Patt Ekoloġiku Ewropew[7] u mal-istrateġija Global Gateway[8], l-UE kompliet tappoġġa lill-pajjiżi sħab biex iżidu l-aċċess sostenibbli għall-enerġija, jiddekarbonizzaw u jadattaw għat-tibdil fil-klima. L-azzjoni esterna ffukat fuq l-espansjoni tal-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli, it-titjib tal-effiċjenza enerġetika u t-tisħiħ tal-konnettività reġjonali tal-enerġija, filwaqt li jiġi evitat il-ħolqien jew it-tisħiħ tad-dipendenzi, kif ukoll l-appoġġ għar-reżiljenza għall-klima u għat-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri.

---

[5] JOIN(2020) 17; https://international-partnerships.ec.europa.eu/system/files/2021-01/join-2020-17-final_en.pdf
[6] COM(2025) 280; https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52025DC0280
[7] Il-Patt Ekoloġiku Ewropew - il-Kummissjoni Ewropea
[8] JOIN/2021/30; https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52021JC0030

L-implimentazzjoni tal-Inizjattiva għall-Enerġija Ekoloġika bejn l-Afrika u l-Ewropa kompliet tagħti riżultati. L-UE, flimkien mal-Afrika t'Isfel, mexxiet ukoll kampanja li damet għaddejja sena sħiħa[9] biex timmobilizza l-investiment għall-enerġija rinnovabbli fl-Afrika li rriżultat f'EUR 15,5 biljun, inklużi EUR 15,1 biljun minn Tim Ewropa.

L-UE kompliet tippromwovi ekonomiji urbani ċirkolari u effiċjenti fir-riżorsi. Fl-2025, l-azzjonijiet tal-ekonomija ċirkolari ġew appoġġati permezz ta' inizjattivi globali f'aktar minn 40 pajjiż u permezz ta' inizjattivi reġjonali u nazzjonali f'aktar minn 80 pajjiż addizzjonali fl-Afrika, fl-Asja u fl-LAC, li kkontribwew għal xejriet ta' produzzjoni u ta' konsum aktar sostenibbli. L-enfasi nbidlet minn djalogu ta' politika għal riformi, sħubijiet u investimenti li jgħinu lill-pajjiżi sħab inaqqsu l-pressjonijiet fuq ir-riżorsi, joħolqu impjiegi ta' kwalità u jsaħħu l-ktajjen tal-valur, filwaqt li jippermettu relazzjonijiet ekonomiċi reżiljenti mal-UE.

L-UE żiedet l-azzjoni dwar ktajjen tal-valur sostenibbli u mingħajr deforestazzjoni. Permezz ta' DESIRA+ u programmi agroalimentari relatati, hija appoġġat il-ktajjen tal-valur fil-kawkaw, fil-kafè, fl-anakardji u fl-"għelejjel minsija", li jgħaqqdu l-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira mas-swieq, itejbu l-ħamrija u jippromwovu l-agroforestrija.

Fil-materja prima kritika (CRM), l-UE appoġġat ktajjen tal-provvista sostenibbli, siguri u reżiljenti, inklużi proġetti li jikkontribwixxu għall-parametri referenzjarji tal-Att Ewropew dwar il-Materja Prima Kritika[10] dwar l-akkwist, l-ipproċessar, ir-riċiklaġġ u d-diversifikazzjoni, u operazzjonalizzat faċilità ddedikata għas-CRM biex jiġu konnessi proġetti ma' off-takers u ma' finanzjaturi.

L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom rwol ewlieni fil-finanzjament internazzjonali għall-klima bħala l-akbar fornitur dinji ta' finanzjament għall-klima lill-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw. Pereżempju, il-garanziji u t-taħlit tal-EFSD+ appoġġaw l-investiment klimatiku, inkluż permezz ta' Fondi ta' Investituri Klimatiċi, u bħalissa għaddejjin mill-inqas 50 proġett ta' infrastruttura ta' mitigazzjoni u adattament. Iċ-Ċentru ta' Konsulenza tal-UE għall-Finanzi Sostenibbli appoġġa l-iżvilupp ta' oqfsa ta' bonds ekoloġiċi biex jgħin fil-mobilizzazzjoni tal-kapital privat għal investimenti allinjati mal-klima.

Diġitalizzazzjoni, xjenza, teknoloġija, innovazzjoni u infrastruttura

Fit-tieni nofs tal-2025, l-UE bdiet l-implimentazzjoni tal-Komunikazzjoni Konġunta dwar Strateġija Diġitali Internazzjonali għall-UE[11], adottata f'Ġunju 2025, li tistabbilixxi viżjoni komprensiva għat-trasformazzjoni diġitali ta' benefiċċju reċiproku, sostnuta minn Offerta ta' Negozju fit-Teknoloġija tal-UE integrata li tgħaqqad il-konnettività sigura, l-intelliġenza artifiċjali (IA) affidabbli, iċ-ċibersigurtà, is-servizzi bbażati fuq l-ispazju, infrastruttura diġitali affidabbli u l-infrastruttura pubblika diġitali.

Fir-reġjuni kollha, il-proġetti diġitali taħt il-pilastru diġitali tal-Global Gateway appoġġaw u mmobilizzaw l-ekosistemi u l-partijiet ikkonċernati internazzjonali fl-oqsma tar-riċerka u l-innovazzjoni, filwaqt li ċentri u pjattaformi dedikati appoġġaw il-kondiviżjoni tal-għarfien u l-għarfien espert tekniku, bħan-network tal-computing ta' prestazzjoni għolja UE-LAC.

It-trasport sostenibbli baqa' fokus ewlieni tal-azzjoni esterna tal-UE, b'appoġġ għal konnettività aktar ekoloġika u aktar reżiljenti. Tul it-12-il kuritur prijoritarju Afrikan, il-Kuritur tat-Trasport Trans-Kaspju, il-Kuritur bejn l-Indja, il-Lvant Nofsani u l-Ewropa, u fl-Asja, l-Amerka Latina u l-Karibew, kif ukoll fil-

[9] https://commission.europa.eu/topics/international-partnerships/global-gateway/energy-africa_mt
[10] ĠU L, 2024/1252, 3.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1252/oj
[11] JOIN(2025) 140 tal-5 ta' Ġunju 2025; https://digital-strategy.ec.europa.eu/mt/library/joint-communication-international-digital-strategy-eu

Lvant (eż. Korsiji ta' Solidarjetà li jgħaqqdu l-Ukrajna u l-Moldova mal-UE) u r-reġjuni tal-Viċinat tan-Nofsinhar, diversi investimenti jkopru s-settur ferrovjarju, tat-triq, tat-trasport marittimu, tal-mobbiltà urbana, tal-infrastruttura loġistika u tal-avjazzjoni.

Global Gateway tgħin ukoll fid-dekarbonizzazzjoni tat-trasport globali permezz ta' investimenti u inizjattivi ekoloġiċi mmirati bħall-inizjattiva ewlenija dwar il-Fjuwils tal-Avjazzjoni Sostenibbli (b'attivitajiet madwar l-Afrika u l-Indja), iċ-Ċentri ta' Kooperazzjoni Globali fit-Teknoloġija Marittima u l-inizjattiva tal-Kurituri u taċ-Ċentri tat-Tbaħħir Ekoloġiku, li jappoġġaw lill-pajjiżi sħab fl-implimentazzjoni tal-objettivi klimatiċi tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali u tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali.

Tnieda Mekkaniżmu ta' Investiment fi Stadju Bikri biex jipprovdi għotjiet lill-kumpaniji tal-UE fl-istadji bikrija ta' proġetti tat-trasport sostenibbli, tal-iżvilupp urban, tal-enerġija u tal-IA, li jgħin biex jitneħħa r-riskju fl-innovazzjoni u biex jiġu attirati finanzi ulterjuri.

Fil-livell multilaterali, l-UE avvanzat l-implimentazzjoni tal-Patt Diġitali Globali tan-NU u involviet ruħha b'mod miftuħ u kostruttiv fid-Djalogu Globali dwar il-Governanza tal-IA. Is-Summit Dinji dwar ir-rieżami ta' 20 sena tas-Soċjetà tal-Informazzjoni kien stadju importanti ħafna għall-governanza diġitali globali.

Tkabbir sostenibbli u impjiegi

Fl-2025, l-UE rawmet tkabbir ekonomiku sostenibbli u inklużiv, tejbet l-ambjent tan-negozju u mmobilizzat l-investiment privat għal impjiegi ta' kwalità permezz tal-istrateġija Global Gateway u l-Arkitettura Finanzjarja Ewropea għall-Iżvilupp. Azzjonijiet esterni kkombinaw id-djalogu ta' politika, l-appoġġ baġitarju u strumenti ta' kondiviżjoni tar-riskju b'miżuri mmirati għall-ħiliet, għall-ktajjen tal-valur u għall-imġiba responsabbli fin-negozju.

L-involviment mas-settur privat Ewropew żdied. Minbarra ċ-Ċentru ta' Investiment tal-Global Gateway u l-Grupp Konsultattiv dwar in-Negozju tal-Global Gateway, il-Fora tan-Negozju tal-UE ffaċilitaw in-networking u l-konklużjonijiet ta' ftehimiet bejn il-kumpaniji Ewropej u l-gvernijiet ta' pajjiżi sħab.

Fl-2025, ġew iffirmati 20 garanzija ġdida tal-EFSD+[(12)] ma' diversi Istituzzjonijiet tal-Finanzi għall-Iżvilupp, għal ammont totali ta' garanzija li jaqbeż EUR 3 biljun, u l-implimentazzjoni bdiet bi 63 operazzjoni ffirmati fl-2025. L-operazzjonijiet ta' taħlit approvati fl-2025 huma mistennija jiġġeneraw madwar EUR 18-il biljun ta' investimenti.

Il-programmi tal-edukazzjoni u l-ħiliet (inklużi l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) u l-edukazzjoni għolja xprunati mill-opportunitajiet) kienu qegħdin jallinjaw dejjem aktar mas-setturi prijoritizzati taħt il-Global Gateway, bħal sitt proġetti ġodda tal-VET xprunati mill-opportunitajiet imnedija f'diversi pajjiżi Afrikani biex iqabblu t-taħriġ mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol.

L-użu sistematiku tal-markaturi tal-Ġeneru, tad-Diżabbiltà u tal-Inugwaljanza għen biex jiġi żgurat li l-investimenti jqisu l-impatti distributtivi, jippromwovu t-tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika tan-nisa, l-inklużjoni u jgħaqqdu l-komunitajiet mhux moqdijin biżżejjed.

[12] Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli Plus.

Migrazzjoni u spostament furzat

Fir-reġjuni kollha, l-UE saħħet l-approċċ tagħha bbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem għall-migrazzjoni, adottat linji gwida interni u proċeduri mfassla apposta biex ittejjeb it-tfassil, l-identifikazzjoni, il-formulazzjoni u l-monitoraġġ tal-azzjonijiet ta' migrazzjoni u l-immaniġġar ta' allegat ksur. L-UE użat dejjem aktar il-fondi tagħha biex tippromwovi l-objettivi ta' migrazzjoni tagħha ma' pajjiżi sħab. L-UE involviet ruħha fi djalogi dwar sħubijiet strateġiċi ma' sħab ewlenin li jkopru l-aspetti kollha tal-migrazzjoni u tal-ispostament furzat, appoġġati minn finanzjament tal-UE, f'konformità mal-Istrateġija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni[13].

Bis-saħħa tat-tisħiħ tas-sħubijiet għall-migrazzjoni tagħna, il-qsim irregolari fil-fruntieri esterni tal-UE naqas għal madwar 179 000 fl-2025, kwart inqas minn dak fl-2024, u fl-2025 l-għadd ta' applikazzjonijiet għall-ażil fl-Unjoni naqas ukoll b'madwar 19 % meta mqabbel mal-2024, u dan jirrifletti parzjalment il-kooperazzjoni msaħħa mal-pajjiżi sħab. Pereżempju, abbażi tas-sħubija dwar il-migrazzjoni mal-Mauritania adottata fl-2024, ġew implimentati l-azzjonijiet kollha fil-pakkett ta' appoġġ ta' EUR 210 miljun, li jsaħħu b'mod sinifikanti l-kapaċità tal-Mauritania li timmaniġġa l-migrazzjoni u l-ispostament furzat u li toħloq opportunitajiet ekonomiċi fir-reġjuni affettwati. Dawn il-fondi ġew mobilizzati wkoll bħala parti mill-approċċ ta' inizjattiva flessibbli tal-NDICI, li għal darb'oħra qiegħed juri li huwa kruċjali biex titħeġġeġ il-kooperazzjoni dwar il-migrazzjoni.

L-UE intensifikat ukoll il-ħidma kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar tal-bnedmin. Azzjoni globali dwar id-dimensjoni finanzjarja u diġitali tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti kkontribwiet għall-Alleanza Globali għall-Ġlieda Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti u ffurmat parti minn pakkett ta' finanzjament ta' EUR 78 miljun li tħabbar f'Diċembru 2025.

Madwar 5,8 miljun migrant, refuġjati, persuni spostati internament (IDPs) u membri tal-komunità ospitanti kienu protetti jew assistiti bl-appoġġ tal-UE taħt il-qafas finanzjarju pluriennali kurrenti 2021-2027.

Fl-2025, madwar 15 % tal-baġit għall-għajnuna umanitarja kien iddedikat għall-protezzjoni b'enfasi qawwija fuq ir-refuġjati u l-IDPs fi kriżijiet bħall-Ukrajna, Gaża, is-Sudan, is-Sirja, l-Afganistan u l-Qarn tal-Afrika. Fl-2025, madwar 87 % tal-finanzjament tal-għajnuna umanitarja ġie allokat għal proġetti li jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' persuni spostati. L-UE baqgħet impenjata li tappoġġa r-risistemazzjoni u l-ammissjoni umanitarja u kompliet tappoġġa l-Mekkaniżmu ta' Trasferiment ta' Emerġenza fir-Rwanda u l-Faċilità ta' Appoġġ għar-Refuġjati fit-Turkija.

Governanza Demokratika u Drittijiet tal-Bniedem, Paċi u Sigurtà

Minbarra ħafna interventi bilaterali u reġjonali, il-programm tematiku NDICI–Ewropa Globali dwar il-paċi, l-istabbiltà u l-prevenzjoni tal-kunflitti kompla jindirizza l-prevenzjoni tal-kunflitti u t-tiswir tal-paċi u jindirizza t-theddid globali u transreġjonali[14]. Sa tmiem l-2025, kienu għaddejjin 78 azzjoni dwar il-prevenzjoni tal-kunflitti, it-tiswir tal-paċi u l-preparatezza għall-kriżijiet. 18-il azzjoni ġdida addizzjonali indirizzaw it-tħassib globali dwar il-paċi u s-sigurtà, u ġew adottati 14-il azzjoni ġdida dwar it-theddid globali.

[13] L-Istrateġija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni, COM(2026)45 final.
[14] https://science4peace.jrc.ec.europa.eu/#/Home/CET/Map

Il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-prevenzjoni tal-estremiżmu vjolenti ġew imsaħħa permezz ta' strumenti bħall-Faċilità Globali ta' Theddid Terroristiku bejn l-UE u n-NU [15], li pprovdiet pakketti ta' appoġġ immirati lejn l-Iraq, l-Użbekistan, in-Niġerja u s-Somalja, fost l-oħrajn, u permezz ta' ħidma dwar kooperazzjoni ġudizzjarja multilaterali mal-Lega tal-Istati Għarab.

L-appoġġ u l-osservazzjoni elettorali għandhom rwol ewlieni fil-promozzjoni ta' proċessi elettorali paċifiċi, inklużivi u kredibbli. Fl-2025, intbagħtu missjonijiet sħaħ ta' osservazzjoni elettorali fil-Bolivja, fl-Ekwador, fil-Guyana, fil-Honduras, fil-Kosovo*, fil-Malawi u fil-Filippini; missjonijiet ta' esperti elettorali fil-Kosovo, fl-Iraq u fis-Suriname; u missjonijiet ta' segwitu fil-Kolombja, fil-Gwatemala, fil-Kenja, fil-Lesoto, fil-Maldivi, fin-Niġerja u f'Timor Leste, li jgħinu fit-tisħiħ tal-istituzzjonijiet demokratiċi, jibnu l-fiduċja pubblika fil-proċessi elettorali u jiskoraġġixxu l-frodi, l-intimidazzjoni u l-vjolenza.

F'ambjenti fraġli u affettwati minn kunflitti, l-UE żammet involviment flessibbli u aġli, filwaqt li ħadmet mill-qrib mas-sħab lokali, mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, mal-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u tan-nisa biex tibni r-reżiljenza u tippromwovi l-paċi, preferibbilment f'approċċ ta' "Tim Ewropa". Inizjattivi globali għall-protezzjoni tal-ispazju ċiviku, bħas-"Sistema tal-UE għal Ambjent Favorevoli", immonitorjaw ix-xejriet u bnew kapaċitajiet tas-soċjetà ċivili fi 80 pajjiż.

L-UE saħħet l-approċċ ġenerali tagħha għas-sigurtà u d-difiża inkluż permezz ta' inizjattivi bħall-Prontezza 2030 u l-istrument SAFE. Il-Faċilità Ewropea għall-Paċi baqgħet ċentrali għar-rispons għas-sigurtà tal-UE, filwaqt li sostniet li l-infiq b'implikazzjonijiet militari jew ta' difiża jiġi ffinanzjat barra mill-baġit tal-UE. Fir-reġjuni kollha ġew organizzati missjonijiet u operazzjonijiet tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni, minbarra l-għodod ta' rispons rapidu għall-kriżijiet, biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi immedjati u fit-tul tal-kunflitti, inkluż fil-Lvant Nofsani, fl-Afrika u fil-viċinat. Fl-2025, il-kooperazzjoni tal-UE mas-sħab issaħħet billi ġew konklużi Sħubijiet ta' Sigurtà u Difiża mar-Renju Unit u mal-Kanada.

[15] https://www.un.org/counterterrorism/en/EU-UN-Global-Terrorism-Threats-Facility

* Din id-deżinjazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus u hija konformi mal-UNSCR 1244/1999 u mal-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

FIRXA GLOBALI

Afrika Sub-Saħarjana

Fl-2025, l-UE u l-Afrika kkonsolidaw ulterjorment is-sħubija strateġika tagħhom li tkopri l-kummerċ, l-investiment, il-paċi u s-sigurtà, it-tranżizzjoni ekoloġika u t-trasformazzjoni diġitali. Il-Viżjoni Konġunta għall-2030[16] kompliet tiggwida l-kooperazzjoni, bil-Pakkett ta' Investiment tal-Global Gateway Afrika–Ewropa fil-qalba tagħha, flimkien mal-ħidma fuq il-paċi, is-sigurtà u l-governanza, il-migrazzjoni u l-mobbiltà, u multilateraliżmu effettiv. It-tielet laqgħa ministerjali bejn l-UE u l-Unjoni Afrikana (UA) u s-seba' Summit bejn l-UA u l-UE, li saret fl-2025 flimkien mal-Forum dwar in-Negozju bejn l-UA u l-UE u l-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili–il-Forum taż-Żgħażagħ, immarkat il-25 anniversarju tas-sħubija. L-UE u l-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku żiedu l-kooperazzjoni politika tagħhom u komplew jaħdmu lejn l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Samoa.

Fl-2025, l-UE baqgħet is-sieħeb ewlieni tal-kummerċ, tal-investiment, tal-paċi u tas-sigurtà tal-Afrika, il-fornitur tal-ODA, u donatur umanitarju ewlieni. Il-kummerċ tal-UE mal-kontinent laħaq EUR 360 biljun, li jirrappreżenta 33 % tal-kummerċ totali tal-Afrika. L-istokk ta' investiment dirett barrani tal-UE ammonta għal EUR 250 biljun. Sa tmiem l-2025, l-appoġġ tal-UE lill-pajjiżi Afrikani permezz tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi ammonta għal EUR 400 miljun.

L-appoġġ għall-operazzjonalizzazzjoni taż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Kontinentali Afrikana żdied permezz ta' assistenza dwar il-faċilitazzjoni tal-kummerċ, id-dwana u l-istandards. L-Inizjattiva għall-Enerġija Ekoloġika bejn l-Afrika u l-Ewropa u l-kampanja "Nespandu l-enerġija rinnovabbli fl-Afrika" espandew il-ħidma fuq l-enerġija rinnovabbli u l-integrazzjoni reġjonali tal-elettriku, inklużi l-immodernizzar tal-grilja u l-investimenti solari u tar-riħ. Il-programm NaturAfrika kompla f'sitt reġjuni ta' ħabitats ta' prijorità, filwaqt li l-Inizjattivi ta' Tim Ewropa dwar il-ġestjoni transkonfinali tal-ilma u l-ekonomija ċirkolari għenu lill-pajjiżi sħab jadattaw għat-tibdil fil-klima, itejbu s-sigurtà tal-ilma u s-sistemi WASH.

Fl-2025, kemm il-kurituri ta' Lobito kif ukoll ta' Douala–N'Djamena, żewġ inizjattivi ewlenin tal-Global Gateway, urew li l-infrastruttura tista' tappoġġa żvilupp u reżiljenza ekonomiċi usa', speċjalment f'żoni mingħajr kosta u vulnerabbli. L-implimentazzjoni li għaddejja bħalissa qiegħda tirnexxi bis-saħħa ta' sjieda Afrikana b'saħħitha u azzjonijiet koordinati fost l-UE, is-sħab Afrikani, l-istituzzjonijiet finanzjarji u l-investituri privati.

L-assistenza umanitarja kkomplementat dawn l-isforzi: fl-2025, l-UE rrispondiet għall-akbar kriżi ta' spostament fid-dinja fis-Sudan (aktar minn 10 IDP), filwaqt li allokat aktar minn EUR 273 miljun b'rispons għall-kriżi (inkluż aktar minn EUR 161 miljun fis-Sudan waħdu), u EUR 157 miljun fil-Qarn tal-Afrika biex jiġu indirizzati n-nixfa, l-insigurtà tal-ikel u l-ispostament. L-UE baqgħet involuta wkoll fis-Saħel Ċentrali, filwaqt li indirizzat l-ispostament furzat, u fir-reġjun tal-Lagi l-Kbar, u pprovdiet kura tas-saħħa fid-dawl tal-epidemiji u tal-vjolenza armata.

L-Asja u l-Paċifiku

Fl-2025, l-involviment tal-UE mal-Asja tal-Lvant, mal-Asja tax-Xlokk u mal-Asja tan-Nofsinhar kompla japprofondixxi, u jikkonsolida l-approċċ reġjonali komprensiv stabbilit fl-Istrateġija tal-UE għall-

[16] https://www.consilium.europa.eu/media/54412/final_declaration-en.pdf

Indo-Paċifiku[17], inkluż billi javvanza l-konnettività tal-enerġija u s-Sħubijiet għal Tranżizzjoni tal-Enerġija Ġusta.

L-inizjattiva ewlenija tal-Global Gateway "Konnettività tal-Enerġija fin-Nofsinhar tal-Asja" turi kif l-UE torbot it-tkabbir sostenibbli, it-tranżizzjoni ekoloġika u l-integrazzjoni reġjonali billi tappoġġa l-iżvilupp ta' suq tal-elettriku transfruntier.

Objettiv intermedju ewlieni tal-Global Gateway kien l-iffirmar tal-Kuritur Diġitali bejn l-UE, l-Afrika u l-Indja Blue Raman[18], li se jsaħħaħ il-konnettività reżiljenti tal-kejbils sottomarini u arkitettura tad-data globali sigura u diversifikata. L-UE adottat ukoll inizjattiva ta' EUR 42 miljun biex issaħħaħ l-użu tad-data ta' Copernicus fl-Asja-Paċifiku, filwaqt li tappoġġa t-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq l-evidenza dwar l-ippjanar tal-klima u tal-ispazju.

Fl-ewwel Summit bejn l-UE u l-Asja Ċentrali f'April 2025, l-UE ħabbret pakkett ta' investiment tal-Global Gateway ta' Tim Ewropa ta' EUR 12-il biljun, akkumpanjat minn Dikjarazzjoni ta' Intenzjoni dwar is-CRM, li mmira lejn it-trasport sostenibbli, l-enerġija ekoloġika, il-konnettività diġitali u l-ilma, u li rriżulta fi tmien kuntratti ġodda biex jittejbu r-rabtiet multimodali bejn l-Asja Ċentrali u l-Ewropa.

Fl-ewwel Forum dwar in-Negozju bejn l-UE u l-Paċifiku f'Fiġi, l-UE ħabbret kważi EUR 300 miljun f'investimenti tal-Global Gateway għar-reżiljenza għall-klima, għat-tkabbir sostenibbli, għat-trasport, għall-konnettività diġitali, għall-ilma, għall-enerġija rinnovabbli, u għall-iżvilupp tal-kummerċ fil-Paċifiku kollu, u b'hekk l-Alleanza Blu u Ekoloġika għall-Paċifiku[19] tpoġġiet bħala inizjattiva ewlenija għar-reġjun.

Fl-2025, l-UE pprovdiet aktar minn EUR 163 miljun f'assistenza ta' salvataġġ fl-Afganistan, kif ukoll ipprovdiet 390 tunnellata ta' oġġetti mediċi u nutrizzjonali biex tnaqqas il-bżonnijiet tal-poplu Afgan.

Il-Kontinent Amerikan u l-Karibew

Ir-raba' Summit bejn il-Komunità ta' Stati tal-Amerka Latina u tal-Karibew (CELAC) u l-UE sar f'Novembru 2025 fil-Kolombja, flimkien mal-Fora tas-Soċjetà Ċivili u tan-Negozju. Il-mexxejja affermaw mill-ġdid l-importanza strateġika tas-sħubija UE–CELAC u stabbilew prijoritajiet, inkluż taħt l-Aġenda ta' Investiment tal-Global Gateway (GGIA) UE–LAC. Minkejja kuntest ġeopolitiku ta' sfida, l-UE u s-CELAC adottaw Dikjarazzjoni Konġunta u żewġ dikjarazzjonijiet komplementari dwar is-sigurtà u l-kura taċ-ċittadini, filwaqt li ssottolinjaw l-impenn kondiviż tagħhom għall-multilateraliżmu, għall-kummerċ u għall-investiment, għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, għall-inklużjoni soċjali, u għall-kooperazzjoni dwar is-sigurtà, il-ġustizzja, u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata tranżnazzjonali.

Sal-2025, l-implimentazzjoni tal-GGIA kienet tinkludi aktar minn 80 proġett li kkonfermaw il-pożizzjoni tal-UE bħala investitur ewlieni fl-LAC u li juru s-saħħa tal-approċċ ta' "Tim Ewropa". L-inizjattivi ewlenin jinkludu l-integrazzjoni reġjonali tal-elettriku, l-inizjattiva ta' konnettività satellitari Condosat, u n-network tas-supercomputing UE–LAC għall-IA. Minn Mejju 2025, l-UE għandha l-istatus ta' osservatur permanenti fl-Organizzazzjoni tal-Enerġija tal-Amerka Latina u tal-Karibew[20] biex tavvanza b'mod konġunt fuq it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u l-politiki sostenibbli.

[17] https://www.eeas.europa.eu/eeas/eu-indo-pacific-strategy_en?etrans=mt
[18] https://international-partnerships.ec.europa.eu/policies/global-gateway/eu-africa-india-digital-corridor_mt
[19] https://international-partnerships.ec.europa.eu/policies/global-gateway/green-blue-alliance-pacific_mt
[20] https://www.olade.org/en/

Il-kooperazzjoni bejn is-sħab tal-UE u tal-Karibew kompliet tissaħħaħ ukoll fil-qafas tal-Ftehim ta' Samoa u l-Protokoll tal-Karibew tiegħu, filwaqt li ankrat id-djalogu politiku u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp fi sħubija mġedda u fit-tul.

Fil-Karibew, l-Inizjattiva dwar is-Sargassu tal-Global Gateway żviluppat pjanijiet direzzjonali nazzjonali għall-valorizzazzjoni tas-sargassu, u b'hekk biddlet sfida ambjentali f'opportunità ekonomika sinifikanti.

Il-kooperazzjoni mal-Istati Uniti ffukat fuq l-involviment ma' kategoriji u livelli differenti ta' partijiet ikkonċernati lil hinn mill-awtoritajiet federali permezz ta' diplomazija pubblika, azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni bejn il-bliet u l-edukazzjoni. L-involviment mal-Kanada poġġa lill-UE bħala sieħeb affidabbli f'setturi ta' prijoritajiet ewlenin bħall-kummerċ, il-qasam diġitali u d-difiża u s-sigurtà. Il-kooperazzjoni maż-żewġ pajjiżi kienet iċċentrata wkoll fuq kwistjonijiet tal-Artiku (Kooperazzjoni Reġjonali Urbana tal-Artiku u Involviment taż-żgħażagħ).

Fil-Venezwela u madwarha, fejn 58,6 % tal-popolazzjoni qiegħda tiffaċċja faqar estrem, fl-2025 l-UE aġixxiet bħala d-donatur umanitarju ewlieni, u pprovdiet aktar minn EUR 52 miljun.

Ġiet stabbilita ħażna umanitarja ġdida f'Barbados biex tissaħħaħ il-kapaċità ta' rispons rapidu tal-UE għaċ-ċikluni tropikali, l-għargħar u t-terremoti fir-reġjuni tal-Karibew u tal-viċinat.

Tkabbir tal-UE (il-Balkani tal-Punent, it-Turkija, l-Ukrajna, ir-Repubblika tal-Moldova, il-Georgia)

Il-Pakkett tat-Tkabbir tal-2025, adottat f'Novembru, ikkonferma li l-momentum għat-tkabbir baqa' għoli fuq l-aġenda tal-UE u li l-adeżjoni ta' Stati Membri ġodda kienet dejjem aktar aċċessibbli, dment li s-sħab iwettqu riformi fundamentali.

Il-Balkani tal-Punent raw progress kostanti dwar l-elementi fundamentali tal-proċess ta' adeżjoni fil-biċċa l-kbira tas-sħab, u l-Montenegro u l-Albanija resqu eqreb lejn l-objettiv tat-tlestija tan-negozjati. Għall-Ukrajna u għar-Repubblika tal-Moldova, il-proċess ta' skrinjar (eżami tekniku tal-acquis tal-UE) ingħalaq fl-2025, u l-Kummissjoni vvalutat li l-elementi fundamentali, is-suq intern u r-raggruppamenti tar-relazzjonijiet esterni kienu lesti biex jinfetħu. Il-Georgia formalment tibqa' pajjiż kandidat, iżda l-azzjonijiet reċenti tal-awtoritajiet tal-Georgia waqqfu *de facto* l-proċess ta' adeżjoni. It-Turkija baqgħet sieħeb ta' importanza strateġika u pajjiż kandidat minkejja li n-negozjati tal-adeżjoni għadhom weqfin.

Il-Kummissjoni żviluppat "eAccession", għodda innovattiva tal-IA, biex tgħin lill-pajjiżi kandidati jaċċelleraw l-approssimazzjoni regolatorja filwaqt li jiffrankaw il-ħin u r-riżorsi.

L-UE kompliet tappoġġa l-integrazzjoni ekonomika reġjonali, inkluż permezz tal-immodernizzar tas-sistemi ta' pagament u tal-inklużjoni mill-Kunsill Ewropew tal-Pagamenti tal-Albanija, tal-Montenegro u tal-Maċedonja ta' Fuq fl-iskemi SEPA f'Ottubru 2025, li jnaqqsu b'mod sinifikanti ż-żminijiet u l-kostijiet tat-tranżazzjonijiet għaċ-ċittadini u għan-negozji.

Il-Faċilità għall-Ukrajna u l-Pjanijiet ta' Tkabbir għall-Balkani tal-Punent u għar-Repubblika tal-Moldova, juru kif l-UE tgħaqqad l-impenn politiku, l-appoġġ finanzjarju u l-kundizzjonalità biex taċċellera l-konverġenza mal-UE. Il-Faċilitajiet jikkonsistu f'EUR 6 biljun f'għotjiet u self għall-Balkani tal-Punent u EUR 1,9 biljun għall-Moldova, b'finanzjament marbut mal-implimentazzjoni ta' Aġendi ta' Riforma maqbula b'mod konġunt u l-integrazzjoni gradwali f'oqsma magħżula tas-Suq Uniku. Sa tmiem l-2025, ġew adottati Aġendi ta' Riforma għas-sħab kollha, u l-prefinanzjament ġie żborżat lill-Albanija, lill-Montenegro, lill-Maċedonja ta' Fuq, lis-Serbja u lill-Moldova.

L-allinjament sħiħ tas-sħab mal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni u mal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni, inklużi l-miżuri restrittivi tal-UE, ġie promoss u l-UE rrispondiet għat-talbiet tas-sħab biex issaħħaħ ir-reżiljenza u s-sigurtà tagħhom kontra theddid ibridu u theddid ieħor.

L-UE żammet appoġġ sostanzjali għar-refuġjati fit-Turkija, billi impenjat EUR 1,3 biljun f'appoġġ għar-refuġjati taħt il-baġit għall-2025-2027, filwaqt li fl-2025 ġiet introdotta sistema ġdida ta' "kaskata ta' viżi" biex tiffaċilita l-ivvjaġġar għal vjaġġaturi Torok *bona fide* fiż-żona Schengen.

Il-Viċinat Ewropew

Il-Viċinat Ewropew tal-Lvant

Fil-Viċinat tal-Lvant, ikkaratterizzat mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, l-UE kompliet tinvolvi ruħha ma' pajjiżi sħab tar-reġjun jew fuq bażi bilaterali jew reġjonali (l-Armenja, l-Ażerbajġan, il-Belarussja, il-Georgia, il-Moldova u l-Ukrajna). Is-Sħubija tal-Lvant kompliet tipprovdi qafas ta' kooperazzjoni stabbilit sew u effiċjenti lill-parteċipanti kollha. Mal-Belarussja, l-UE żammet il-politika tagħha ta' pressjoni fuq l-awtoritajiet filwaqt li appoġġat liċ-ċittadini, lis-soċjetà ċivili u lill-media indipendenti.

Il-programm "Appoġġ għall-Apprendiment u t-Taħriġ Avvanzati (SALT I-III)" jassisti lill-istudenti, lil-letturi u lir-riċerkaturi tal-Belarussja li ġew imġiegħla jaħarbu mir-reġim. Dan huwa inizjattiva strateġikament importanti għall-preżervazzjoni tal-potenzjal intellettwali tal-Belarussja.

L-istrateġija Global Gateway u l-pjanijiet ta' azzjoni pluriennali tal-2025-2027 għall-Viċinat tal-Lvant baqgħu kruċjali għall-appoġġ tar-reżiljenza, tal-konnettività u tal-iżvilupp soċjoekonomiku. Il-pjanijiet ta' azzjoni pluriennali approvati reċentement (minbarra l-assistenza għall-Ukrajna) ammontaw għal EUR 668,2 miljun f'impenji.

F'Mejju ġie adottat approċċ strateġiku ġdid għar-reġjun tal-Baħar l-Iswed[21], u f'Ottubru ġiet approvata Aġenda tal-Konnettività, li tgħaqqad lill-Ewropa mal-Asja Ċentrali permezz tar-reġjun tal-Baħar l-Iswed, tat-Turkija u tan- Nofsinhar tal-Kawkasu u tipprovdi bażi importanti għal kooperazzjoni aktar mill-qrib mas-sħab tan-Nofsinhar tal-Kawkasu dwar il-konnessjonijiet tat-trasport, tal-enerġija u dawk diġitali sostenibbli.

Il-Viċinat Ewropew tan-Nofsinhar u r-reġjun tal-Lvant Nofsani/tal-Golf

Huwa fl-interess strateġiku tal-UE li r-Reġjun tal-Afrika ta' Fuq, il-Lvant Nofsani u l-Golf ikun prosperu, konness, reżiljenti, paċifiku u stabbli.

Fl-2025, l-UE attrezzat ruħha b'għodod ġodda, b'mod partikolari l-Patt għall-Mediterran[22] u t-tnedija ta' għadd ta' Sħubijiet Strateġiċi u Komprensivi, biex twettaq azzjoni aktar koerenti u orjentata lejn l-impatt fir-reġjun kollu. Direttorat Ġenerali dedikat tal-Kummissjoni għal-Lvant Nofsani, l-Afrika ta' Fuq u l-Golf sar kompletament operazzjonali bħala ċ-ċentru għar-relazzjonijiet tal-Kummissjoni ma' 19-il pajjiż sieħeb.

Il-gwerra f'Gaża kompliet tiġġenera kriżi umanitarja severa, qerda mifruxa u instabbiltà akbar fil-Lvant Nofsani. F'Novembru 2025, l-UE organizzat l-ewwel laqgħa tal-Grupp ta' Donaturi għall-Palestina,

[21] https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip_25_1348
[22] JOIN(2025) 26 tas-16 ta' Ottubru 2025 https://north-africa-middle-east-gulf.ec.europa.eu/joint-communication-pact-mediterranean_en?prefLang=mt&etrans=mt

filwaqt li ppreżentat programm komprensiv għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Palestina għall-2025-2027 u pproponiet miżuri restrittivi b'rispons għal azzjonijiet li jimminaw is-soluzzjoni ta' żewġ Stati.

L-UE tibqa' l-akbar donatur internazzjonali u fornitur ta' għajnuna umanitarja lill-Palestinjani, wara li fl-2025 allokat total ta' EUR 220 miljun f'appoġġ umanitarju ta' emerġenza. Minbarra l-finanzjament, l-UE żammet appoġġ operazzjonali permezz ta' titjiriet tal-pont bl-ajru, evakwazzjonijiet mediċi u azzjonijiet ta' merkanzija bit-triq.

Fil-Golf, ġew offruti Ftehimiet ta' Sħubija Strateġika lis-sitt membri kollha tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf; sa tmiem l-2025, ħamsa kienu wieġbu b'mod pożittiv u tnedew negozjati mal-Emirati Għarab Magħquda u mal-Qatar.

Is-Sistema tal-Kejbil Sottomarin Medusa hija proġett trasformattiv għat-telekomunikazzjoni reġjonali u internazzjonali, li se jipprovdi rotot ta' konnettività reżiljenti u b'kapaċità għolja bejn l-Ewropa u l-Afrika ta' Fuq.

Pajjiżi u territorji ekstra-Ewropej (PTEE)

It-13-il PTEE huma entitajiet mhux sovrani li jżommu rabtiet kostituzzjonali speċjali mad-Danimarka, ma' Franza, u man-Netherlands u jiffurmaw parti integrali mill-familja Ewropea usa'. It-territorji jħaddnu rwol dejjem aktar strateġiku għall-UE, billi jġibu assi bħal żoni ekonomiċi esklużivi vasti, u aċċess għal riżorsi naturali importanti, inklużi s-CRM, u żoni marittimi u rotot tal-baħar ewlenin.

Id-Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni ekstra-Ewropea, inkluż Greenland (DOAG) talloka EUR 500 miljun biex tappoġġa l-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-PTEE, u tindirizza t-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversità għall-2021-2027. Il-Kummissjoni pproponiet emenda għad-DOAG, li tinvolvi l-irduppjar tal-fondi allokati lill-PTEE għal EUR 999 miljun għall-perjodu 2028-2034.

Fl-2025, ir-relazzjonijiet ma' Greenland komplew jespandu u jintensifikaw f'kuntest ta' interess internazzjonali akbar għall-Artiku, li jkopri oqsma bħas-CRM, l-enerġija rinnovabbli, il-konnettività, flimkien mal-edukazzjoni u s-sajd. Is-sħubija bejn l-UE u Greenland kienet ikkaratterizzata minn żewġ djalogi ta' politika, żjarat ta' livell għoli u l-Ġimgħa inawgurali bejn l-UE u Greenland f'Novembru fi Brussell.

L-2025 kienet l-aħħar sena ta' implimentazzjoni tal-ewwel Pjan ta' Azzjoni tal-Politika dwar l-Ilma tal-Polineżja Franċiża (2021-2030). Ir-riżultati miksuba kienu jinkludu żieda fl-għadd ta' muniċipalitajiet li jqassmu l-ilma tax-xorb, azzjonijiet kontinwi biex iż-żoni tal-ġbir tal-ilma jkunu sikuri, u t-tisħiħ tal-governanza tas-settur permezz ta' kumitat tekniku kompletament operazzjonali. It-tieni Pjan ta' Azzjoni huwa skedat biex ikopri l-perjodu 2026-2030.